# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 10**

**Avviz. numru 808/00mm**

**Goran Culic**

**vs**

**Paul Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-21 ta' Gunju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tat-28 ta' Awissu 1999 gewwa Bella Vista Street, San Gwann bejn il-vettura Morris Marina bin-numru HAP 193 misjuqa mill-konvenut u l-motor cycle ossija mutur BMW bin-numru RGS 011, proprjeta' ta' l-attur u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur.

2. Tiddikjara dawn id-danni residwali fis-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin ira (Lm625) jew somma verjuri illi tista tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-attur, s-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm625) jew somma verjuri illi tista tigi likwidata minn dina l-Qorti, rappresentanti d-danni minnu kkawzati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk, tal-konsult (Lm10), tal-ittra bonarja mibghuta lilu fis-7 ta' Settembru 1999, dawk tal-ittra gudizzjarja tas-6 ta' Ottubru,1999, u dawk tal-ittra gudizzjarja ppresentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lilu tal-imsemmija ittra, cioe' mis-6 ta' Ottubru,1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-incident awtomobilistiku oggett ta' dina l-kawza sehh unikament tort ta' l-istess attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-28 ta' Awissu 1999 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30p.m.) fi Triq Bella Vista kantuniera ma' Triq in-Naspli, San Gwann bejn il-karozza Morris Marina bin-numru HAP 193 misjuqa mill-konvenut Paul Saliba u l-mutur BMW RGS 011, misjuq mill-attur Goran Culic.

Culic xehed illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien qed isuq il-mutur tieghu fi Triq Bella Vista San Gwann fid-direzzjoni tan-Naxxar. Osserva illi quddiemu kien hemm karozza Moris Marina bin-numru HAP 193 illi kienet qed tinsaq fl-istess direzzjoni fuq in-nahha tax-xellug tat-triq, b'velocita' pjuttost ridotta, ghalhekk meta kkalkola l-mument kien tajjeb, dana beda jaghmel manuvra ta' sorpass minn fuq in-nahha tal-lemin ta' din il-karozza. Gara pero' illi hekk kif kien kwazi parallela ma' din il-karozza, bdiet iddur lejn il-lemin ghal go Vjal in-Naspli. Culic ipprova jevita li jidhol f'din il-karozza billi jigbed lejn il-lemin huwa wkoll, izda ma kienx hemm hin u lanqas spazju biex jevita din il-kollizzjoni u ghadda zbrixx magemb il-karozza msemmija. Culic ikompli jghid illi din il-karozza ma wriet l-ebda ndikazzjoni li kienet ser tbiddel id-direzzjoni taghha. Kienet qed tinsqat b'velocita' regolari u kostanti ta' 30 kilomteru fis-siegha (30k.f.s.) u din il-velocita' nzammet tul il-perkors u manuvra kollha ta' din

il-karozza, anke meta giet biex iddur lejn il-lemin ghal go Vjal in-Naspli.

Culic osserva wkoll illi din il-karozza ma kellhiex *wing mirrors* u allura s-sewwieq ma kienx f'posizzjoni li jara l-mutur mieghu hekk kif dan kien mar fuq il-gemb lemini tal-istess karozza. Bhala rizultat ta' dan l-incident il-mutur ta' Culic sofra diversi hsarat, tant illi kellha ssir l-ispiza ta' madwar sitt mitt lira (Lm600) sabiex dawn il-hsarat jigu riempjezzati. F'dokument A fol 2 tal-process hemm prospett tal-ispejjez illli nefaq l-attur sabiex isewwi dan il-mutur.

Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid illi veru li kien qieghed isuq il-karozza fid-direzzjoni tan-Naxxar pero' qabel ma gie biex idur lejn il-lemin hares lejn il-mirja, ra li ma kien hemm hadd, xeghel l-*indicators*, hares ukoll fil-*wing mirrors* u beda jdur. Hekk kif beda jdur gie dan il-mutur b'sahha minn fuq il-lemin tieghu u pprova jaghmel manuvra ta' sorpass. Dana ma rnexxielux u baqa' diehel fuq il-karozza tieghu u ghadda zbrixx minn magembha. Ghamel hsarat kwazi fuq il-gemb lemini kollu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut. Jibda biex jinghad illi l-konvenut mhuwiex qieghed ighid is-sewwa meta qal illi l-karozza tieghu kellha *wing mirrors.* Culic osserva illi dawna kienu neqsin u hu probabbli illi dik il-karozza patikolari Morris Marina taz-zmien illi hi, ma kienetx tkun munita b'*wing mirrors.*

Di piu' l-Qorti hadet l-impressjoni illi Culic huwa bniedem tal-mistier u dilettant sew tal-karozzi u jaf jaghraf karozza minn ohra. Lesta wkoll toqghod fuq il-versjoni moghtija lilu principalment illi l-konvenut qabad u biddel id-direzzjoni tieghu minghajr ma ta indikazzjoni. Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jinghad illi l-konvenut xeghel l-*indicator* pero' b'daqshekk ma jfissirx illi dana setgha qabad u dar minghajr ma ta kaz il-vetturi illi kienu qieghdin warajh jew inkella waslu biex jaqbzuh. Li tixghel l-*indicators* hija wahda biss mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu  meta jigi biex ibiddel id-direzzjoni tieghu, pero' zgur li mhijiex l-unika wahda. Minn barra dan, sewwieq ghandu jassigura illi dan il-messagg wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq, u li dawna fehmu l-messagg tieghu. L-indicator mhuwiex xi brevett ma mmunita. Billi tixghalu u ma tiehu l-ebda prekawzjoni ohra ma jfissirx illi sewwieq qed jigi esonerat mir-responsabbilta' ta' incident.

Bhal ma qalet il-kawza fl-ismijiet <u>Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono</u> deciza mill-Prim Awla fis-16 ta' Ottubru,1995 li meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street* mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal izda jrid jara wkoll illi dawk illi qieghdin isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreaggixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser.

Il-konvenut milli jidher ma hax dawn il-prekawzjonijiet. Dana anke jekk xeghel l-*indicators* evidentement ma tax kaz jekk kienx hemm xi vetturi ohra f'process *ta' overtaking* fil-mument illi hu ddecieda illi jdur lejn il-lemin.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut fejn bi traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku qabad u biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu, minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji u b'hekk ikkawza dan l-incident u danni konsegwenzjali subiti mill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni illi grat fi Triq Bella Vista San Gwann fit-28 ta' Awissu 1999 bejn il-vettura Morris Marina bin-numru HAP 193 misjuqa mill-konvenut u l-mutur BMW bin-numru RGS 011, proprjeta' ta' l-attur u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni subiti mill-attur fl-ammont ta' sitt mija, hamsa u ghoxrin lira (Lm625) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg